MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 377/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru, 2008, Novembru, 2008 u Dicembru 2008, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Simone Micallef u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata b’dana li ma ssibx lill-appellant hati ta’ l-istess akkuza w minnha tilliberah biex b’hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija, jew alternativament tvarja s-sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuq l-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat ruhha unikament fuq ix-xhieda ta’ Simone Micallef u dana peress illi l-appellant ghazel li ma jixhidx f’dina l-kawza. Dana qed jinghad peress illi l-affidavit ta’ PS 426 pprezentat mill-prosekuzzjoni huwa wiehed li jispjega r-rapport li sar mill-istess Simone Micallef u xejn aktar;

2. Illi l-piena li mponiet l-Ewwel Qorti u cioe’ dak ta’ xahar detenzjoni. Illi huwa minnu illi l-piena li nghatat hija wahda fil-parametri tal-ligi, izda l-Qorti ghandha tikkonsidra fatti li certament jimmilitaw favur ta’ piena mhux ta’ detenzjoni. Dan qed jinghad ghaliex il-manteniment involut f’dana l-kaz u cioe’ dak ta’ €233 fil-gimgha hu pjuttost wiehed gholi u l-appellant ghaddej minn zminijiet pjuttost difficli tan-negozju tieghu li qed iwasslu milli ma jiggernax bizzejjed introjtu sabiex jonera l-ordni tal-Qorti.

Illi ghalhekk l-appellant isostni illi anke jekk il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju hekk kif imressaq minnu, ghandha tvarja s-sentenza taghha ghal dak li jirrigwarda l-piena billi ma taghtix detenzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 20 ta' Mejju, 2003 l-appellant Emanuel Micallef kien ordnat li jhallas lill-martu Simone Micallef l-ammont ta' €233 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha w ghat-tlett itfal minuri. Jidher li din l-ordni ma gietx mizmuma mill-appellant tant illi martu intavolat kwerela talli ma hallsx il-manteniment dovut ghax-xhur minn Ottubru sa Dicembru 2008.

Ix-xhud principali f'din il-kawza kienet l-istess Simone Micallef illi rriferiet ghad-digriet numru 611/03 tal-20 ta' Mejju, 2003.

Mid-data tad-digriet sa l-2010 Micallef qalet illi l-appellant ta s-somma ta' elf lira meta suppost kellu jaghtiha hamsa w tletin elf lira.

Xehdet illi bejn Ottubru u Dicembru 2008 ma ta xejn u ghalhekk ghamlet din il-kwerela. Kienet xi haga regolari illi l-appellant jonqos fil-hlas tal-manteniment u ghalhekk kienet kostretta tadixxi din il-Qorti illi fis-sentenza taghha sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Fil-kors tas-smiegh tal-appell l-appellant ghamel offerta ghal transazzjoni billi offra proprjeta' li setghet tinbiegh u mir-rikavat il-mara tkun tista' tiehu l-arretrati kollha tal-manteniment. Din l-offerta pero' ma gietx accettata minhabba komplikazzjonijiet legali ghall-bejgh tal-fond suggeriet mill-appellant.

Hi x'hinhi, din l-offerta ma taghmel l-ebda differenza ghal htija o meno tal-appellant. Jibqa' l-fatt illi huwa ma osservax l-ordnijiet tal-Qorti permezz tad-digriet fuq imsemmi w ma jistax jibbenifika minn xi terminu oltre dak ta' hmistax il-gurnata imsemmi fl-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali, w darba jghaddi dak it-terminu w l-hlas ma jkunx sar, allura l-appellant jirrikorri fi ksur tal-ligi penali.

Bhal ma qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Galea" [3-11-1995] ***"il-presuppost guridiku tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali hu l-ordni ghall-hlas tal-manteniment. Jekk il-persuna favur min harget dik l-ordni ghandhix introjtu iehor jew tahdimx hu rrilevanti ....."***

Din il-Qorti ma ssib xejn dubjuz fix-xhieda li tat Simone Micallef illi kienet cara w kategorika dwar in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment mill-appellant illi kien u baqa' fi stat ta' ksur tal-ligi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti li fic-cirkostanzi hija legali w ragjonevoli w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------